MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 84/2012

**Giovanni Maria Attard u George Attard u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2013 il-gudizzju gie trasfuz minn fuq isem il-mejjet Giovanni Maria Attard ghal fuq isem George Attard, Adelina Bowker u Miriam Camilleri stante l-mewt ta' Giovanni Maria Attard fil-mori tal-kawza.**

**Vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors Guramentat fejn l-atturi ppremettew u kkonfermaw bil-gurament:

1. Illi George Attard huwa proprjetarju tan-nofs indiviz (1/2) tal-garaxx bin-numru sitta u sebghin u sebgha u sebghin (76/77) fi Triq Enrico Mizzo, Victoria, Ghawdex liema sehem gie akkwistat mill-esponenti George Attard b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli minghand l-esponenti Giovanni Maria Attard permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tad-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) li kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkata bhala dok A.

2. Illi n-nofs (1/2) indiviz l-iehor tal-istess garaxx huwa proprjeta' ta' l-esponenti George Attard u hutu, fosthom il-konvenut Joseph Attard, fi kwoti wgwali u ndivizi bejniethom u dana peress illi dan in-nofs (1/2) ghadda fuqhom wara l-mewt ta' ommhom.

3. Illi dan in-nofs (1/2) indiviz li gej mill-wirt ta' ommhom u li ghadu in komuni bejn l-ahwa Attard, huwa soggett ghall-uzu u l-uzufrutt favur l-esponenti Giovanni Maria Attard u dan kif jidher mit-testment hawn anness u mmarkat Dok E.

4. Illi dan l-istess garaxx qed jigi okkupat esklussivament u minghajr ebda titolu validu skont il-ligi mill-intimat Joseph Attard.

5. Illi l-esponenti Giovanni Maria Attard li ghandu l-uzufrutt fuq is-sehem tal-konvenut u Geroge Attard li huwa proprjetarju tal-ikbar sehem minn dan il-garaxx iridu t-tgawdija tal-garaxx.

6. Illi safejn jafu l-atturi, il-konvenut m'ghandu l-ebda titolu validu fuq il-garaxx in kwestjoni u dan stante illi l-esponenti jew l-predecessuri fit-titolu taghhom qatt ma kkoncedew l-ebda titolu lill-konvenut fuq dan il-garaxx.

7. Illi in oltre l-esponenti mhumiex lesti li jaghtu ebda tip ta’ koncessjoni fuq il-bini taghhom u ghalhekk il-konvenut qed jokkupa dan il-garaxx abbusivament u qed jimpedixxi lill-atturi milli jgawdu d-dritt ta’ uzufrutt u proprjeta’ taghhom.

8. Illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jivvaka mill-garaxx in kwestjoni l-ewwel minn Giovanni Maria Attard permezz ta’ ittra interpellatorja datat 25 ta’ Gunju 2010 u mbaghad minn George Attard permezz ta’ ittra interpellatorja datata 12 ta’ April 2012 u ittri ufficcjali numru 233/2012 datata 4 ta’ Mejju 2012 u ittra ufficjali mibghuta kemm minn George Attard u Giovanni Attard flimkien li kopji taghhom qed jigu annessi u mmarkati bhala Dokumenti C, D u F.

9. Illi minkejja dawn l-interpellazzjonijiet il-konvenut baqa’ inadempjenti u ma harigx mill-fond ghalhekk l-atturi kellhom jipprocedu b’din il-kawza.

10. Illi peress illi t-talbiet odjerni jikkoncernaw l-izgumbrament ta’ persuna minn bini kif ukoll ghad-danni bhala kumpens sakemm il-garaxx jitbattal, u cioe’ jinkwadraw ruhhom fil-provvediment 167(1)(b) tal-Kap 12, l-atturi qed jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu u jitolbu li l-kawza odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante illi safejn jaf huma l-konvenuta ma ghandux eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba odjerna.

11. Illi ai termini tal-artiklu 168 huwa koncess illi jigu pprezentati affidavits f’dan l-istadju qed jigi anness mal-kawza odjerna l-affidavit ta’ Giovanni Attard, hawn anness u mmarkat Dok G.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikolu 167(1)(b) et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara illi l-atturi bhala uzufruttwarju u proprjetarju tal-garaxx in kwistjoni ghandhom id-dritt li jgawdu u jamministraw il-garaxx mertu tal-kawza ad eskluzjoni tal-konvenut.

3. Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa l-proprjeta' hawn fuq imsemmija bla ebda titolu validu fil-ligi.

4. Konsegwentement tordna l-izgumbrament tieghu mill-istess proprjeta' u dan fit-terminu qasir u perentorju koncess lilu minn din il-Qorti Onorabbli u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess atturi sabiex johorgu dawn l-effetti u jiddepozitawhom taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti a spejjez tal-istess konvenut.

5. Lill-konvenut jikkonsenja lill-atturi f'terminu prefiss minn din il-qorti c-cwievet ghall-proprjeta' imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt, jekk ikun il-kaz.

Rat illi permezz tal-verbal datat 24 ta' Ottubru, 2012 il-konvenut inghata l-opportunita' li jressaq l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. In linea preliminari l-attur Giovanni Attard irid igib il-prova li huwa gie mmess fil-pussess tal-legat li fuqu qed isejjes il-pretensjoni tieghu ghall-izgumbrament tal-eccipjenti mill-fond de quo. L-uzufruttwarju generali ghandu dejjem jigi kunsidrat bhala legatarju (Vol XL11.ii.1032), u bhala legatarju kellu l-ewwel jitlob formalment dak il-pussess minghand l-eredi qabel ma seta' jezercita l-azzjoni ta' zgumbrament fil-konfront tal-eccipjenti. L-uzufrutt meqjus bhala jedd reali, l-attur Giovanni Attard kellu jitlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat, almenu ghal dak li jirrigwarda l-fond meritu fil-kawza, qabel ma seta' jipprocedi bil-kawza ta' l-izgumbrament. In-nuqqas ta' tali prova f'dan ir-rigward jirrendi l-azzjoni attrici wahda ntempestiva u l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. In linea preliminari wkoll u bla pregudizzju ghall-premess l-attur l-iehor George Attard m'ghandu ebda jedd li jitlob l-izgumbrament tal-eccipjenti mill-fond de quo, billi *ex admissis* l-attur jikkonferma li huwa koproprjetarju tal-fond fil-kwota ta' hames ottavi (5/8) indivizi bi kwota minnhom ta' ottava parti (1/8) ndiviza soggetta ghall-uzufrutt favur l-attur l-iehor Giovanni Attard u mhuwiex proprjetarju assolut filwaqt li l-eccipjenti huwa koproprjetarju

ta' ottava parti (1/8) ndiviza ohra tal-istess fond li hi soggetta wkoll ghall-uzufrutt favur l-attur l-iehor Giovanni Attard u bhala koproprjetarju d-dritt tal-attur George Attard huwa li jitlob jew il-qasma tal-fond komuni jew li jitlob li jigi awtorizzat li jithalla jinqeda bil-haga komuni skont il-qies tal-jeddijiet tieghu. F'dan ir-rigward hemm il-karenza tal-interess guridiku fl-attur George Attard li jitlob l-izgumbrament tal-eccipjenti mill-fond de quo billi tali talba se mai tista' tispetta f'dan l-istadju lill-attur l-iehor Giovanni Attard wahdu u dan salv il-prova tas-sueccepit u dejjem bla pregudizzju ghal dik l-eccezzjoni u wkoll ghar-raba eccezzjoni ta' hawn taht.

3. In linea preliminari wkoll u dejjem bla pregudizzju ghall-premess it-talba tal-attur Giovanni Attard hija legalment insostenibbli billi wara li kien l-istess attur Giovanni Attard li ddispona favur wiehed minn uliedu u cioe' George Attard minn nofs (1/2) indiviz tal-fond li kellu bi pjena proprjeta' bla ma kien zamm ebda jedd li jibqa' jgawdih jew jaghmel uzu minnu, huwa issa qed jippretendi li jizgombra lill-eccipjenti minn kwota ndiviza tal-istess fond (li hemm ferm izghar u nqas mis-sehem li gia kellu) li taghha ghad baqalu biss il-jedd tat-tgawdija. It-talba ghall-izgumbrament minn din il-kwota ndiviza li taghha baqalu l-uzufrutt ma ser iggib ebda vantagg jew utilita' ghall-attur, u f'dan ir-rigward hemm il-karenza tal-interess guridiku f'dan l-attur ukoll u kienet tkun aktar f'lokha u legalment taghmel sens li kieku l-attur talab li jithallas minghand l-eccipjenti tal-frottijiet tas-sehem indiviz li tieghu huwa ghandu l-uzufrutt milli talab l-izgumbrament tal-eccipjenti mill-fond intier. Wara kollox jirrizulta car mill-affidavit tieghu stess esebit mac-citazzjoni li din il-kawza qed jaghmilha mhux biex genwinament igawdi s-sehem li tieghu ghandu d-dritt tat-tgawdija fuqu, izda biex l-attur l-iehor George Attard ikun jista' jiehu pussess assolut u esklussiv tal-istess fond.

4. Illi dejjem bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti qed jokkupa l-fond b'titolu ta' commodatum kif ser jigi pruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza.

5. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi l-attur Giovanni Maria Attard miet nhar is 17 ta' Frar, 2013 (certifikat esebit a fol. 35) u li din il-Qorti diversament preseduta permezz ta' digriet datat 9 ta' Lulju, 2013 laqghet it-talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju u ordnat li l-gudizzju jigi trasfuz minn fuq isem il-mejjet Giovanni Maria Attard ghal fuq isem George Attard, Adelina Bowker u Miriam Camilleri.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri mressqa mill-konvenut konsegwenti ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju fejn eccepixxa kif isegwi:

1. Illi b'din l-azzjoni l-attur George Attard qed jitlob li l-esponenti jigi ordnat u kkudnannat li jizgombra mill-garage 76 u 77, Triq Enrico Mizzi, Rabat, Ghawdex, billi in kwantu ghan-nofs (1/2) indiviz minn dan il-fond hu kien akkwistah minghand l-attur iehor Giovanni Maria Attard, illum mejjet, u in kwantu ghan-nofs (1/2) indiviz l-iehor li kien jappartjeni lil ommu, illum jirrizulta li dan n-nofs hallihulu missieru permezz ta' *legato di cosa altrui* bit-testmenti esebiti in atti markati dokumenti 'C' u 'E'. L-immissjoni fil-pussess tal-legat ma saritx. Hemm ghalhekk il-karenza tal-interess guridiku fl-attur li jissokta b'din l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-esponenti. Hu risaput li legatarju ta' fond immobbli m'ghandu ebda nteress guridiku biex jizgombra lill-okkupant, qabel ma jkun gie mmess fil-pussess tal-legat. Sakemm ma jottjenix minghand l-eredi r-rilaxx tal-oggett legat, il-legatarju jew l-eredi tieghu ma jistghux jiehdu pussess ta' dak il-legat. Qabel ma jigi ottenut dan ir-rilaxx, il-legatarju jkun proprjetarju, izda d-dritt tieghu ta' proprjeta' jkun dritt astratt, fis-sens li ma jkollux il-jedd li jezercitah. Id-dritt tal-legat hu dritt ta' proprjeta', izda jibqa' dritt incert u soggett ghall-kontestazzjoni sakemm ma jigix immess fil-pussess (Laurent, Dritirro Civile, Vol. XIV para, 21 et seq). Il-legatarju anke jekk isir proprjetarju tal-legat fil-mument tal-mewt tat-testatur, m'ghandux id-disponibbilita' shiha ta' l-oggett lilu legat sakemm ma jigix immess fil-pussess tieghu mill-werrieta. Hu proprju ghalhekk li l-legatarju ma jistax jezercita l-azzjoni rivendikatorja kontra terzi pussessuri tal-fond li jifforma l-oggett tal-legat qabel ma jkun gie mmess fil-pussess teighu (Appell Civili, Assallo La Rosa vs Vassallo La Rosa, deciza fl-1 ta' Gunju 1936). Il-legat ma jigix trasferit *ipso iure,* u l-legatarju ma jistax jezercita ebda azzjoni kontra terzi fuq l-oggett tal-legat qabel ma jkun sar pussessur tal-legat (Prim'Awla, Grech vs. Farrugia, deciza fit-3 ta' Ottubru1960, Appell, Pace vs Annati, deciz fid-29 ta' Marzu 1957). Ghaldaqstant l-esponenti ghandu jigi lliberat mill-osseranza tal-gudizzju. Bl-ispejjez;

2. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut giet irtirata salv l-ispejjez ai termini tan-nota a fol. 76 tal-process li taqra kif isegwi:

'Li biha qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tieghu *stante* li bil-mewt ta' l-attur Giovanni Maria Attard fil-mori tal-akwza din saret superfluwa billi l-uzufrutt minnu pretiz fuq il-fond *de quo* li kien wiret b'legat minghand martu gie fi tmiemu bil-mewt tieghu stess, b'dana illi qed izomm ferm il-kap tal-ispejjez.'

Rat l-affidavits kollha esebiti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom diversi ittri ufficjali, testmenti u dikjarazzjonijiet ta' immissjoni fil-pussess;

Rat ix-xhieda kollha;

Hadet konjizzjoni tal-atti kollha tal-kawza nkluz id-diversi rikorsi u risposti li saru fl-atti;

Rat illi permezz ta' risposta datata 8 ta' Lulju, 2013 l-atturi Adelina Bowker u Miriam Camilleri (a fo. 66 tal-process) sostnew kif isegwi:

'illi dawn il-legati kienu a konoxxenza tal-partijiet snin ilu u assolutament ma jridux jehlu spejjez inutli ta' din il-kawza meta huma ma ghandhomx interess u ma ghandhomx x'jaqsmu mal-proprjeta' mertu ta' din il-kawza.'

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

**Fatti u konsiderazzjonijiet:**

Illi bhala fatti jirrizulta li l-ewwel erba' premessi kontenuti fir-rikors promotorju mhux kontestati u ghalhekk il-Qorti taghmel taghha bhala fatti mhux kontestati l-istess premessi li gia huma riportati aktar 'il fuq f'din id-decizjoni;

Illi fil-mertu fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess datat 28 ta' Lulju, 2014 fejn permezz tieghu l-attur George Abela inghata l-pussess effettiv tal-garaxx bin-numru sebgha u sebghin (77) fi Triq Enrico Mizzi, Victoria, Ghawdex mertu ta' din il-kawza mill-konvenut Joseph Attard. Fl-istess kuntratt jinghad kif isegwi:

'Fir-rigward ta' din il-proprjeta' il-komparenti Joseph Attard qieghed fl-ewwel lok, minghajr pregudizzju ghat-talbiet tal-atttur George Attard fil-kawza fl-ismijiet 'Giovanni Maria

Attard et. versus Joseph Attard" (rikors guramentat numru erbgha u tmenin tas-sena elfejn u tnax JVC (84/2012 JVC), qieghed jirrinunzja b'mod volontarju ghad-dritt ta' kommodat li kien gie koncess lilu minn missieru Giovanni Maria Attard tal-istess fond u fit-tieni lok qieghed jimmetti effettivament lil huh il-komparenti George Attard fil-pussess ta' dan il-legat u jintrabat illi sa mhux aktar tard mit-tnejn (2) t'Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa jikkonsenjalu c-cavetta tal-istess fond u fin-nuqqqas il-komparenti George Attard qieghed jigi awtorizzat illi fit-tlieta (3) t'Awissu, tas-sena elfejn u erbatax (2014) ikun jista' jisgassa l-istess fond u jibdel is-serratura minghajr ma jinkorri ruhu f'ebda spoll jew vjolazzjoni tal-proprjeta'.

Illi in vista tal-premorjenza tal-attur Giovanni Maria Attard fil-mori tal-kawza kif ukoll tal-kuntratt suespost jirrizulta li t-talbiet kollha attrici llum huma lkoll ezawriti salv il-kap tal-ispejjez.

Illi jirrizulta wkoll li l-eccezzjonijiet li ghadhom vigenti mqajjma mill-konvenut u cioe' it-tieni u t-tielet eccezzjoni fir-risposta a fol. 24 u l-ewwel eccezzjoni fir-risposta ulterjuri a fol. 67 ghandhom rilevanza unikament sabiex jigi deciz minn din il-Qorti l-kap tal-ispejjez. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez il-konvenut kien ukoll zamm ferm id-dritt fuq l-ewwel eccezzjoni mressqa minnu.

Illi sabiex jigi deciz il-kap tal-ispejjez din il-Qorti triq bilfors tidhol f'analizi tad-drittijiet tal-atturi fil-mument li giet intavolata l-kawza sabiex jigi analizzat jekk f'dak il-mument setghux legalment jintavolaw it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat.

Illi fil-qosor il-kawza attrici prezentata fid-19 ta' Settembru, 2010 ssostni li filwaqt li George Attard kien il-proprjetarju tan-nofs indiviz tal-garaxx in kwistjoni, Giovanni Maria Attard kellu dritt ta' uzufrutt fuq in-nofs l-iehor li izda kien jappartjeni kemm lill-attur George Attard fi kwart indiviz, lill-konvenut Joseph Attard fi kwart indiviz u lil zewg huthom bniet l-ohra fi kwart indiviz kull wiehed. L-ahwa bniet spiccaw parti mill-kawza bhala atturi fil-mument li gie nieqes Giovanni Maria Attard. Fl-ebda mument ma nfethet il-kawza fil-konfront tal-ahwa bniet li kienu wkoll koproprjetarji tal-garaxx in kwistjoni. Il-kawza nfethet unikament fil-konfront ta' Joseph Attard stante li huwa kien qed jokkupa wahdu dan il-fond.

A bazi tal-pretensjonijiet suesposti, l-atturi talbu li l-Qorti:

'1. tiddikjara illi l-atturi bhala uzufruttwarju u proprjetarju tal-garaxx in kwistjoni ghandhom id-dritt li jgawdu u jamminsitraw il-garaxx mertu tal-kawza ad eskluzjoni tal-konvenut (emfasi tal-Qorti);

2. tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa l-proprjeta' hawn fuq imsemmija bla ebda titolu validu fil-ligi.

3. konsegwentement tordna l-izgumbrament tieghu mill-istess proprjeta'...

4. lill-konvenut jikkonsenja lill-atturi f'terminu prefiss minn din il-Qorti c-cwievet ghall-proprjeta' imsemmija.'

Illi fit-tieni eccezzjoni mqajjma mill-konvenut huwa jsostni li l-istess atturi jammettu fil-premessi taghhom li huwa wkoll proprjetarju tal-fond in kwistjoni bi kwota ta' ottava parti (cioe' kwart tan-nofs derivanti mill-wirt tal-omm) filwaqt li George Attard kien ghalhekk biss koproprjetarju u bhala tali huwa seta' biss jitlob jew il-qasma tal-fond komuni jew li jitlob li jigi awtorizzat li jithalla jinqeda bil-haga komuni skont il-qies tal-jeddijiet tieghu u mhux li jitlob l-izgumbrament totali tal-konvenut. Il-konvenut isosnti wkoll fit-tieni eccezzjoni tieghu li se mai kien biss id-decujus Giovanni Maria Attard li tul hajtu seta' jitlob li jusufruixxi mill-garaxx wahdu ad eskluzjoni tal-konvenut u dan wara li jigi mmess fid-dritt tal-uzufrutt. Ghalhekk il-konvenut iqajjem in-nuqqas ta' nteress guridiku da parti tal-attur George Attard.

Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut iqajjem ukoll in-nuqqas ta' nteress guridiku da parti tal-attur llum mejjet Giovanni Maria Attard in vista li huwa kien iddispona *inter-vivos* min-nofs il-fond *de quo* u ma rriservax id-dritt tal-uzufrutt ghalhekk li jinghata l-uzufrutt fuq il-kwart tan-nofs l-iehor skond il-konvenut ma seta' jirrekalu l-ebda vantagg. Il-konvenut isostni li kien ikun aktar f'loku li kieku talab li jithallas ghall-frott tas-sehem indiviz izda jsostni li izda kien car li l-kawza Giovanni Maria Attard ghamilha mhux biex igawdi hu mill-garaxx in kwistjoni izda biex l-attur l-iehor George Attard ikun jista' jaghmel uzu esklussiv mill-istess fond.

F'dan l-istadju ghalhekk huwa idoneu li ssir referenza ghal dak li effettivament Giovanni Maria Attard jixhed fl-affidavit tieghu li l-original tieghu jinsab esebit a fol. 100 tal-process. Il-parti rilevanti taqra kif isegwi:

'Wara ftit taz-zmien gara li George gie ordnat mill-Qorti jew mill-mara tieghu biex inehhi hwejjgu minn gol-proprjeta' taghha. Mid-dehra l-magni li kellu ta' mastrudaxxa u l-affarijiet li kellhom x'jaqsmu ma' xogholu ta' mastrudaxxa ma setax izommhom fejn kienu u naturalment ried ipoggihom go hwejjgu minflok ma jidhol f'kiri u fi spejjez bla bzonn.

Ghalhekk kien talab lil huh Joseph biex johrog l-affarijiet mill-garaxx ta' Triq Enrico Mizzi izda beda jgib il-kewtieli biex ma johrogx. Meta qalli b'dawn l-affarijiet jien bghattlu ittra bl-avukat biex forsni nevitaw il-Qorti u naf li George ipprova kemm-il darba jasal bil-kelma t-tajba u billi qatt ma wegibni ma ghandix ghazla ohra li mmexxi mod iehor. Hu ghandu l-garaxx tieghu tal-istess daqs u hwejjgu jista' jaghmilhom hemmhekk. Mhux sew jippretendi li kulimkien tieghu jikkappara hwejjeg haddiehor aktar u aktar meta George qieghed fil-bzonn u l-iehor kollox frank.'

Dan l-affidavit gie prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat (ara l-kopja tieghu a fol. 15 tal-process). Minn dak suespost huwa evidenti ghal din il-Qorti li fil-mument li nfethet il-kawza l-intenzjoni tal-attur Giovanni Maria Attard kienet li l-garaxx jittiehed mill-pussess tal-konvenut sabiex igawdih kompletament l-attur l-iehor George Attard u mhux l-attur Giovanni Maria Attard li se mai hu biss kellu d-dritt tal-uzufrutt fuq dik il-parti l-ottava parti li kienet proprjeta' tal-konvenut. Fatt li gie kompletament injorat mill-attur Giovanni Maria Attard fl-affidavit tieghu kien effettivament li George Attard sa dak il-mument ma kienx proprjetarju tal-fond kollu izda biss ta' parti minnu u li l-konvenut sa dak il-mument kien ukoll koproprjetarju tal-fond. Ghal din il-Qorti mhux rilevanti li fil-mument li Giovanni Maria Attard kien ghadu haj jigi argumentat li huwa kien kiteb in-nofs ta' martu bhala 'legato di cosa altrui' favur George Attard wara mewtu. Fil-fatt Giovanni Maria Attard kien zbaljat fl-affidavit tieghu meta qal illi George Attard ried jaghmel l-affarijiet 'go hwejjgu' meta sa dak il-mument il-garaxx in kwistjoni ma kienx biss proprjeta' ta' George Attard izda ottava parti minnu kienet ukoll tal-konvenut. Dan ukoll igib fix-xejn ix-xhieda mressqa mill-attur a fol. 113 u 114 tal-process cioe' dik ta' George Cassar u Emanuel Agius li jixhdu li kienu pruvaw jghinu lil George Attard biex jikkonvincu lil Joseph Attard johrog mill-garaxx in kwistjoni. Sa dak il-mument Joseph Attard kien ghadu koproprjetarju tal-fond u ma setax legalment jigi mitlub jizgombra kompletament jew jirrilaxxa kompletament il-garaxx lil haddiehor.

Illi l-fatt li George Attard fil-mument li giet intavolata l-kawza ma kienx l-uniku proprjetarju tal-fond in kwistjoni u li l-konvenut kien ukoll koproprjetarju tal-istess ghalkemm f'ishma diversi, ai termini tal-artikolu 491 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tqis li George Attard ma setax f'dak il-mument jintavola b'success talba sabiex huwa jgawdi u jamministra il-garaxx mertu tal-kawza ad eskluzjoni tal-konvenut u dan stante li ai termini tal-artikolu tal-ligi msemmi 'kull proprjetarju jista' jinqeda bil-hwejjeg in komun.'

Ghalhekk il-Qorti tqis li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-attur George Attard.

Illi fir-rigward tal-attur l-iehor Giovanni Maria Attard in vista ta' dak espost minnu stess fl-affidavit tieghu (fol. 100) l-Qorti tqis li t-tielet eccezzjoni mqajjma mill-konvenut hija wkoll gusta b'mod partikolari dik il-parti fejn jigi eccepit li Giovanni Maria Attard il-kawza ghamilha mhux ghax verament kellu nteress li jaghmilha biex hu jgawdi l-ottava parti tal-uzufrutt fuq il-fond izda 'biex l-attur l-iehor George Attard ikun jista' jiehu pussess assolut u esklussiv tal-istess fond' ghandha wkoll tigi milqugha. Sabiex l-artikolu 346 u 348 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kkwotati mill-attur fil-nota ta' sottomissjoijiet tieghu japplikaw ghal dan il-kaz l-attur Giovanni Maria Attard kellu almenu jaghmel il-kawza fil-konfront tal-proprjetarji kollha u mhux biss fil-konfront tal-konvenut sabiex b'hekk il-gudizzju seta' jkun wiehed integru.

Illi fi kwalunkwe kaz la darba l-konvenut kien koproprjetarju tal-fond fil-mument li nfethet il-kawza, it-tielet talba tal-atturi li kienet isostni li l-konvenut kien qed jokkupa l-proprjeta' in kwistjoni bla ebda titolu validu fil-ligi qatt ma setghet tirnexxi dan ukoll fost ohrajn ai termini tal-istess artikolu 491 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn dak li rat fl-atti din il-Qorti hija moralment konvinta li l-attur llum mejjet Giovanni Maria Attard kien influwenzat bi shih mill-attur l-iehor George Attard sabiex tigi prezentata l-kawza odjerna u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li l-eredi tieghu llum atturi wara trasfuzjoni tal-gudizzju Adelina Bowker u Miriam Attard ghandhom ibaghtu xi spejjez ta' dawn il-proceduri b'dana li l-oggezzjoni taghhom ghall-istess fl-atti a fol. 66 tal-process ghandha wkoll tigi milqugha.

In vista tas-suespost u ai fini biss ta' spejjez, il-Qorti tqis li ma hemmx bzonn li tinoltra ruhha fl-ewwel eccezzjoni u l-eccezzjoni ulterjuri mqajjma mill-konvenut fir-risposta ulterjuri tieghu a fol. 67 tal-process.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-mertu tal-kawza ezawrit, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut kif spjegat f'din id-decizjoni u tordna li l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attur George Attard.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------